MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 1053/2003

**Rita Lowell**
**vs**

**William Ambrosio ghan-nom tal-kumpanija General Supplies & Services Ltd.**

**It-Tribunal,**
**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fis-27 ta' Mejju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u erbgha u tletin lira Maltija (Lm634.00), rapprezentanti kwantu ghas-somma ta' sitt mija hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm625.00) hlas ta' salarju ghax-xhur ta' Novembru 2002, Dicembru, 2002 u Jannar 2003; u kwantu ghas-somma ta' disa' liri Maltin (Lm9.00) bhala bonus pro rata dovuti lill-attrici; Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz sad-data ta' l-eventwali hlas kontra l-konvenut ingut ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Ra l-affidavit ta' Rita Lowell fejn din tikkonferma dak li hemm fl-avviz, u mil-liema jirrizulta li l-ammont huwa dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra' l-Art.13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u erbgha u tletin lira Maltija (Lm634.00) bl-imghax legali mit-12 ta' Gunju, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut nomine.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------